**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT91/23/DS**

**Mario Demanuele**

**Vs**

**Maltapost p.l.c.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2023 fejn talab lis-soċjeta' intimata tirrifondih l-ammont ta' għaxar Ewro (€10) illi huwa ħallas lill-Maltapost p.l.c. meta fil-fehma tiegħu dawn il-flus ma kellhomx jiġu mitluba lilu għaliex il-pakkett li rċieva kien minn pajjiż illi fuqu l-VAT tkun diġa mħallsa, u kellu jħallas biss għaliex ġie mhedded mill-impjegat tal-Maltapost;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettaji tat-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hijiex qiegħda tiġi kontradetta fuq il-fatti kif ġraw pero' l-verżjoni tar-rikorrenti m'hijiex

għall-kollox korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament, anzi hija l-istess evidenza miġjuba minnu illi minnha joħorġu s-segwenti fatti:

1. Illi għalkemm l-attur jgħid illi l-Maltapost żammitlu għaxar Ewro (€10) f'VAT meta kien diġa mħallas fil-fatt mill-irċevuta joħroġ illi l-ammont ta' VAT li żammitlu l-Maltapost kien fil-fatt ta' ħames Ewro (€5) filwaqt illi l-ħames Ewro (€5) l-oħra kienu '*administrative charge*';

2. Illi mill-email illi ntbagħat l-attur mir-Royal Mail fis-7 ta' Novembru, 2022 joħroġ illi hija d-dwana illi hija dovuta tirrifondi l-ammont ta' VAT u mhux il-Maltapost. Infatti Emma Stanton skrittriċi tal-email imsemmija tgħid *"...it is still for customs in Malta to refund the VAT provided you have evidence that the item was posted in Norther Ireland..."* pero' żżid tgħid ukoll illi *"Although VAT is not issued by the Postal Service, the charge that was issued may include a handling fee, which may not be refunded by customs with the VAT that was charged."*;

3. Illi mid-dokument ikkonfermat taħt ġurament mill-attur datat 29 ta' Mejju, 2023 jidher ukoll illi dan kollu fehmu għaliex prova jikkuntattja lid-dwana biex jiġi rifuż l-ammont iżda jgħid illi ma wieġbuhx lura;

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Illi l-Maltapost ma kellha l-ebda kontroll fuq l-impożizzjoni tal-VAT u li ġaladarba d-dwana tkun imponietha (għall-liema raġuni mhux relevanti f'dan l-istadju) l-Maltapost ikollha teżegwixxi l-ġbir tal-VAT u ta' dan tieħu *administrative charge*.

Illi għaldaqstant il-Maltapost għamlet xogħolha kif kellha tagħmlu, bla preġudizzju għall-kawża miftuħa kriminalment dwar l-aġir tal-impjegat tagħha illi hawnhekk dan it-Tribunal mhux qiegħed jgħaddi ġudizzju fuqu. Għaldaqstant il-Maltapost ġabret il-VAT u tħallset l-administrative charge għaliex sar żball, jekk xejn, minn ħaddiehor.

Illi jekk l-iżball sar minn naħa tad-dwana, u dwar dan il-fatt dan it-Tribunal jiddeżisti milli jgħaddi ġudizzju għaliex mhux mitlub jagħmlu *stante* illi l-kawża hija miftuħha kontra l-Maltapost p.l.c. biss, dan m'għandhiex tbatieh is-soċjeta' intimata. Jekk xejn min ħa l-iżball għandu jirrifondi l-VAT kif ukoll l-ammont illi tħallas bħala *administrative charge* mill-attur meta ma kellux jitħallas.

Illi dan it-Tribunal serjament ikkonsidra għandux jippenalizża lill-attur għat-talba frivola tiegħu meta jidher biċ-ċar li kien jaf illi l-Maltapost m'hijiex l-entita' illi kellha tirrifondih l-ammont li kien qiegħed jippretendi. Mhux ser jagħmel dan biss għaliex il-punt legali dwar min kellu jħallsu lura l-*administrative charge* ma kienx strettament wieħed ċar a *colpo d'occhio*. Fiċ-ċirkustanżi pero' tieħu l-okkażjoni tirrimarka illi dawn il-kawżi m'għandhomx jiġi preżentati b'mod frivolu jew vessatorju għaliex it-Tribunal biex jagħmel ġustiżżja jkollu jippenalizza lill-atturi meta jiġri dan għaliex l-amministrazzjoni ta' dawn il-kawżi tiswa' l-flus li finalment joħorġu mit-taxxi tal-poplu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**